**_Kunsill Lokali Ħamrun_**
**_683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,_**
**_Ħamrun_**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u sitta u sittin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2009 fil-5.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | V/Sindku |
| Is-Sur Jonathan Abela | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u sitta u sittin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-minuti

### *4.1. Chocolate Festival*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-data proposta għaċ-*Chocolate Festival* hija s-Sibt 24 u l-Ħadd 25 ta' Ottubru 2009. Ġie deċiż li jitfassal il-programm għall-attivita` sabiex jibdew il-preparamenti. Is-Sur C.Valletta u s-Sur M. Caruana ser jieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet pubbliċi għall-attivita`.

*4.2. Korsijiet tal-Kompjuter*

Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li applikaw 72 persuna. Ġie deċiż li għat-tqassim tal-*flyers* jew fuljetti tal-Kunsill tiġi mqabbda l-kumpanija Maltapost.

*4.3. Arbli għall-bnadar*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar it-tberik tal-bnadar. Sadanittant qed tiġi studjata l-problema tal-*cables* li kienu fis-sit fejn kien ser titpoġġa l-arblu l-ieħor fi Triq il-Kappillan Mifsud.

Fil-5.30pm il-Kunsill iddeċieda li jisspospendi temporanjament il-laqgħa sabiex tiġi diskussa t-tema tal-Gwardjani Lokali mal-Uffiċjal Awtorizzat.

Fis-6.30pm l-Viċi Sindku u s-Sur A. Ellul daħlu għal-laqgħa.

Fis-6.50pm tkompliet il-laqgħa.

## 5. Gwardjani Lokali

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tar-rendikont taċ-ċitazzjonijiet li nħarġu mill-Gwardjani Lokali fil-Ħamrun minn Marzu sa Mejju 2009.

Il-Kunsill iddeċieda li s-servizz ta' Gwardjani Lokali għax-xahrejn li ġejjin għandu jkun provdut bejn it-8.00am – 12.00pm u 4.00pm – 7.00pm. Bejn l-10.00am – 11.00am u 4.00pm – 5.00pm, il-Gwardjani jistgħu jduru t-toroq fiċ-Ċentru tal-Ħamrun filwaqt li fil-ħinijiet l-oħra għandhom jissorveljaw it-toroq tal-periferijja tal-Ħamrun. Meta terġa' tiddaħħal l-iskema tal-parkeġġ bil-ħin, is-sorveljanza fiċ-ċentru għandha tiżdied b'siegħa oħra filgħodu u wara nofsinhar.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti (Kontinwazzjoni)

*4.4 Sur Alfred Cacciatolo - Parkeġġ faċċata tal-Garaxx*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ADT approvat li jitneħħa l-parkeġġ faċċata tal-garaxx tas-Sur Cacciatola fi Triq id-Duluri sabiex ikollu aċċess ta' dħul u ħruġ liberu mill-istess garaxx.

*4.5 All 4E.U Seminar*

Is-Sinjura C. Borg u s-Sur A. Ellul attendew għas-seminar *All 4E.U.* Is-Sur A. Ellul spjega li teżisti l-possiblilta li numru ta' żgħażagħ jattendu seduta parlamentari fi Strasburgh.

*4.6 Jum il-Ħamrun*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport tal-Ġurija tal-pemju ta' Ġieħ il-Ħamrun ta' din is-sena fejn intagħżel s-Sur John Farrugia. Il-Ġurija rrakomandat li l-Kunsill jagħti xi tip ta' onorifiċenza speċjali lill-Profs Dr Guido De Marco. Ġie deċiż li s-Sindku jkellem lil

Dr. Mario De Marco biex jistabilixxi x'tip ta' onorifiċenza għandu jingħata kif ukoll d-data meta jkun opportun li din tingħata. Ġie deċiż li din tingħata waqt riċeviment fejn għandhom jiġu mistiedna l-Presidenti u s-Segretarji ta' l-Għaqdiet fil-Ħamrun.

## 6. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn it-22 ta' Mejju u l-24 ta' Ġunju 2009.

6.1 *Dipartiment għall-Gvern Lokali- Regolamenti dwar Ġemellaġġi*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ regolamenti li jistabilixxu policy dwar Ġemellaġġi.

*6.2 Kumitat Konġunt – Skemi ta' Parkeġġjar kontrollati*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmait li l-Gvern jinsab fil-proċess li joħroġ Avviż Legali biex jirregola l-iskemi ta' Parkeġġjar kontrollati fil-lokalitajiet li kienu awtorizzati biex jintroduċu skemi simili mill-ADT.

*6.3 MEUSAC – Artiklu dwar proġetti fl-UE*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jibagħtu artikli dwar proġetti fl-UE li jkunu pparteċipaw fihom sabiex jiġu ppublikati fin-*newsletter* tal-MEUSAC.

6.4 *Civic Club – Attivita Palio*

Is-*Civic Club* Ħamrun bagħtu ittra biex jifirħu lill-Kunsill għas-suċċess miksub bl-attivita li saret is-Sibt 9 ta' Mejju 2009.

6.5 *Sur Joe Debattista – Tindif ta' Culverts*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Debattista fejn talab biex il-*Culverts* li hemm fit-Triq id-Duluri ħdejn ir-roundabout jitnaddfu sewwa qabel l-istaġun tax-xitwa. Ġie deċiż li s-Sur Debattista jiġi nfurmat li l-*Culverts* ser jitnadfu sewwa qabel l-istaġun tax-xitwa.

*6.6 Sur Joe Zammit – Sleeping Police fi Triq Farsons*

Is-Sur Joe Zammit talab lill-Kunsill biex jikkunsidra jerġa jpoġġew l-*isleeping policeman* li kien hemm fi Triq Farsons qabel din ingħatat it-tarmac. Il-Kunsill qabel li terġa ssir l-*isleeping policeman*.

*6.7 Awtorita` dwar it-Trasport – Reserved Parking*

L-ADT infurmat lill-Kunsill li ma approvatx biex issir *Reserved Parking Bay* għad-Direttur tal-*Istudent Services* fi Triq Gaetano Pace Forno. Ġie deċiż li kopja ta' l-ittra tintbagħat lid-Direttur.

6.8 *Awtorita` dwar it-Trasport – Reserved Parking Bay fejn Lotto Office*

L-ADT approvat li ssir *Reserved Parking Bay* għal *Lotto Office* li hemm fi Triq Giovanna Barbara, Ħamrun.

*6.9 Awtorita` dwar it-Trasport – Un/Loading Bay*

L-ADT approvat it-talba tal-ħanut Polar Services Ltd sabiex issir *Un/Loading Bay* fil-viċinanza tal-ħanut tagħhom fi Triq Mimosa, Ħamrun.

*6.10 Sinjura Barbara – Parkeġġ bil-ħin*

Is-Sinjura Barbara lmentat mal-Kunsill għaliex m'hemmx Parkeġġ bil-ħin fi Triq Vincenzo Bugeja. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sinjura Barbara li s-sena l-oħra l-Kunsill ressaq t-talba f'dan ir-rigward lill-ADT, iżda t-talba għadha ma ġietx approvata.

*6.11 Capital Alliance – Keep Clear Bay*

Il-Kunsill irċieva talba mill-Kumpanija Capital Alliance biex issir *Keep Clear Bay* quddiem l-entratura prinċipali tal-'*Metropolitan Complex'* fi Triq Dun Frans Camilleri, Ħamrun. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-ADT.

*6.12 Sinjura Louise Farrugia – Rizenja mis-Sotto Kumitat 4*

Il-Kunsill irċieva ittra ta' riżenja tas-Sinjura Farrugia mis-Sotto Kumitat 4. Is-Sur M. Caruana spjega li s-Sinjura Farrugia kienet tipprovdi servizz tajjeb lill-Kunsill partikolarment fl-għoti tat-tilqim u għalhekk issuġerixxa li tintbagħtilha ittra biex tirrikonsidra l-pożizzjoni tagħha. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

*6.13 Sur Corradino Micallef – Suggeriment*

Is-Sur Micallef issuġġerixxa li ssir aġġustament fil-bankina li hemm fi Triq Villambrosa kantuniera ma' Triq Mons. Depiro biex vetturi ma jdurux 'l fuq. Ġie deċiż li ssir spezzjoni tal-post.

*6.14 St Martin's Institute of Information Technolgy – Manutenzjoni ta' Roundabout*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand *St Martin's Insititute of Information Technology* fejn offra li jieħu ħsieb iż-żamma u manutenzjoni tar-*Roundabout* li hemm f'salib it-toroq bejn Triq Mountbatten u Triq Schembri. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Kumpanija biex isir ftehim f'dan ir-rigward.

*6.15 Dr. Luciano Busuttil – Talba għal Kumpens*

Dr. Luciano Busuttil bagħat ittra għan-nom tal-klijent tieghu s-Sur Anthony Caruana fejn talab lill-Kunsill biex jieħu parir legali dwar it-talba tas-Sur Caruana għall-kumpens ta' ħlas għall-ħsarat li ġarbet il-vettura tiegħu meta għadda minn ħofra fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob parir mill-Avukat tal-Kunsill.

*6.16 L-Onor. Dr Chris Said – Laqgħa*

Il-Kunsill ġie mistieden għal laqgħa mal-Onor. Dr Chris Said nhar il-Ġimgħa 31 ta' Lulju 2009 fl-4.00pm fil-Berġa ta' Kastilja.

*6.17 St. John's Ambulance – Donazzjoni*

Il-Kunsill approva li tingħata donazzjoni ta' €100.00 lil *St. John's Ambulance* tas-servizz provdut waqt it-tiġrijiet tal-*Palio* fid-9 ta' Mejju 2009. Din id-donazzjoni hija permessa mill-liġi peres li *S.t John's Ambulance* huma inklużi fit-Tmien Skeda tal-Att XV tal-1993.

Fit-7.40pm il-Viċi Sindku ġie skużat mil-laqgħa.

*6.18 Eugenio Formosa – Talba għall-qsari u arbli ornamentali*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Formosa li talab biex isiru qsari u arbli tad-dawl fuq il-bankina li hemm fi Triq Ġużè Pace kantuniera ma' Triq G.M Camilleri quddiem il-ħanut tiegħu.

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li s-Sur Formosa jagħmel il-qsari u dwal fil-parti tal-bankina allokata lilu mid-Dipartiment tal-Artijiet wara li jikseb permess mill-MEPA.

*6.19 GRTU – Laqgħa dwar Waste Compliance Scheme*

Il-Kunsill irċieva talba mill-GRTU biex issir laqgħa dwar *Waste Compliance Scheme*. Ġie deċiż li għal-laqgħa jattendu s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur C. Valletta.

*6.20 Awtorita` dwar it-Trasport – Parkeġġ faċċata ta' garaxx*

L-ADT m'approvatx it-talba biex jitneħħa parkeġġ faċċata tal-garaxx numru 26 fi Triq Pawlu Debattista għaliex jirriżulta li hemm distanza adekwata biex toħroġ il-vettura mill-garaxx f'każ li jkun hemm vetturi oħra pparkjati faċċata.

*6.21 Awtorita` dwar it-Trasport – Parkeġġ faċċata ta' garaxx*

L-Awtorita` approvat it-talba li saret mis-Sur Cacciattolo biex titneħħa *parking bay* minn faċċata tal-garaxx li għandu fi 23, Triq id-Duluri u minflok jinżebagħ *single yellow line*.

*6.22 Residenti Triq Atocia – Sleeping Policeman*

Il-Kunsill irċieva talba biex issir *Sleeping Policeman* fi Triq Atocia. Is-Sindku ser jiltaqa' mal-persuna li ssottomettiet l-applikazzjoni biex jistabilixxi r-raġuni tat-talba.

*6.23 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Seminar dwar il-Wirt Kulturali u l-Att ta' Kurazija*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jibagħtu rappreżentant għas-seminar li ser isir fis-7 ta' Lulju dwar il-Wirt Kulturali u l-Att ta' Kurazija. Is-Sinjura J. Bugeja ser tattendi s-Seminar.

*6.24 Sur Carmel Xuereb – Plakka Komemorattivi għal Oreste Chircop*

Il-Kunsill ġie mitlub jikkunsidra li jwaħħal Plakka Komemmorattiva fil-post fejn twieled Oreste Chircop iġifieri 580, Triq il-Kbira. Ġie deċiż li l-Kunsill jinforma lis-Sur Xuereb li dan il-fond ma jinsabx fil-konfini tal-Ħamrun.

*6.25 Sur Raymond Debattista – Qsari fuq il-bankina*

Is-Sur Debattista nforma lill-Kunsill li uffiċjali mill-MEPA talbuh ineħħi l-qsari li għandu fit-triq li joqgħod fiha, Triq Nazzarenu li hija *cul-de-sac.* Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lis-Sur Debattista biex f'każ li jirċievi *Enforcement Notice*, jibgħat kopja lill-Kunsill sabiex il-Kunsill jikteb uffiċjalment lill-MEPA sabiex jinterevjeni fil-każ sabiex inizzjattivi simili li jsebbħu l-ambjent ma jiġux imwaqqfa milli jsiru.

*6.26 Is-Sur Ġorġ Muscat – Rampa quddiem il-garaxx*

Is-Sur Muscat talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jagħmel rampa quddiem il-garaxx tiegħu 58, Triq il-Vittorja. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li ssir *drop kerb* taħt is-sorveljanza tal-*Contracts Manager* tal-Kunsill.

*6.27 Residenti Triq Dun Nerik Cordina Perez – Kiosks tal-Festa*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand residenti fi Triq Dun Nerik Cordina Perez fejn talab biex f'każ li jarmaw *mobile kiosks* fil-festa f'din it-triq, dawn jarmaw fil-parti bejn Triq il-Kbira San Ġużepp u l-fond numru 14. Ġie deċiż li din l-ittra tiġi diskussa fil-laqgħa li ser issir mill-Pulizija dwar il-festi li għaliha ser jattendu s-Sindku, Dr P. Mifsud Bonnici u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 7. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*7.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma l-Kunsill li tkompla x-xogħol fuq it-tieni fażi tal-proġett tas-suq fejn qed isiru preparamenti biex jiġi armat it-*Tower Crane*. Sadanitant inbena l-ħajt tal-appoġġ kif mifthiem.

Fit-8.15pm s-Sinjura J. Bugeja ġiet skużata mil-laqgħa.

- Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi t-talbiet tal-kumpens għall-ħsarat allegati kkawżati mit-tħaffir lill-kumpanija *Schembri Infrastructure Ltd* sabiex tgħaddihom lill-Kumpanija tal-Assigurazzjoni tagħha.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-preżent għaddej programm ta' *patching* ta' toroq.

*7.2 Sotto Kumitat 6*

- Dr P. Mifsud Bonnici nfurmat lill-Kunsill li qed tistenna li l-Kunsill jingħata appuntament mal-Onor. George Pullicino.

*7.3 Sotto Kumitat 9*

- Is-Sur J. Abela nforma lill-Kunsill li fil-ġimgħat li ġejjin ser ilaqqa' s-Sotto Kumitat biex jiddiskuti r-responsabbilta` ġdida li ġiet delegata li s-Sotto Kumitat li huwa *Chairperson* tiegħu.

*7.4 Sotto Kumitat 2*

- Is-Sur A. Ellul informa lill-Kunsill li jkun utli għall-istess Kunsill jekk jikseb lista taż-żgħażagħ Ħamruniżi li għandhom bejn is-16 u 18 –il sena sabiex il-Kunsill jibda jaħdem fuq proġett għall-istudenti tal-Unjoni Ewropeja magħrufa bħala EU4U. Minħabba *data protection*, din l-informazzjoni tista' tingħata volontarjat biss bl-użu tal-fuljett tal-Kunsill.

*7.5 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana fakkar lill-Kunsilliera li kellhom iġibu l-artiklu għall-fuljett. Huwa tenna li huwa importanti li dawn jaslu sa nhar it-Tnejn.

*7.6 Sotto Kumitat 3*

Is-Sinjura C. Borg infurmat lill-Kunsill li:

- Nhar il-Ġimgħa ser isir l-attivita` ta' Jum il-Missier.
- Nhar il-Ħadd ser issir il-ħarġa ta' l-Imnarja.
- Is-Sotto Kumitat qed jaħdem biex f'nofs Lulju ssir il-ħarġa t'Għawdex.
- Is-Sotto Kumitat qed jaħdem ukoll biex isiru Korsijiet ta' l-Arti u Drama fil-Liċeo Maria Regina.

## 8. <u>Ġnien Oreste Chircop</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fis-27 ta' Mejju 2009 ġie iffirmat il-ftehim bejn il-Kunsill tal-Ħamrun u l-MEPA sabiex il-Kunsill jieħu €71,279.00 mill-Urban Improvement Fund tal-MEPA. Il-ftehim jitlob li x-xogħlijiet jibdew f'Lulju u jitlestew sa Diċembru 2009. Fl-2007, il-proġett ġie stmat li jiswa €116,468.00.

Il-Proġett ser jiġi ffinanzjat mill-UIF, b'valur ta' €71,279.00, HSBC, b'valur ta' €2,300.00 u l-kumplament iġifieri €42,889 mill-fondi tal-Kunsill. Minkejja dan il-Kunsill ivvota s-somma ta' €82,000 fl-aħħar *budget* għal dan il-proġett. Ġie deċiż l-Contracts Manager tal-Kunsill jintalab jirrevedi l-istima.

Ġie deċiż li x-xogħlijiet isiru mill-kuntrattur tal-Kunsill *J & K Contractors* peress li l-Kuntratt li għandu mal-Kunsill ikopri għall-xogħlijiet simili.

## 9. <u>Ħruġ ta' offerti – *Street Sweeping & Cleaning – Collection and Separation of Household & Commercial Waste*</u>

*9.1 Street Sweeping & Cleaning*

Il-Kunsill approva li jiġġedded il-kuntratt preżenti sakemm jiġi ffirmat il-kuntratt il-ġdid. Ġie deċiż li l-frekwenza tal-knis tiġi riveduta u għalhekk is-Sindku, is-Sinjura C. Borg, Dr P. Mifsud Bonnici u s-Sur C. Valletta ser jingħataw kopja tal-frekwenzi eżistenti biex iressqu s-suġġerimenti tagħhom lill-Kunsill.

*9.2 Collection and Separation of Household and Commercial Waste*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali fassal Kuntratt ġdid għal dan is-servizz. Minħabba li l-kuntratt innifsu kif ukoll il-proċeduri ta' l-evalwazzjoni huma ġodda, ġie deċiż li qabel isir laqgħa fejn jiġu spjegati l-proċeduri u l-offerti l-ġodda, il-Kunsill m'għandux joħrog il-kuntratt il-ġdid.

Ġie deċiż li sakemm jiġi ffirmat il-kuntratt il-ġdid, jiġi mġedded il-kuntratt eżistenti.

## 10 <u>Approvazzjoni tal-*Business Plan 2009 - 2012*</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-*Business Plan* għall-Perjodu 2009 sa 2012 ma' l-Agenda ta' din il-laqgħa tal-Kunsill (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Wara li ġew imwieġba xi domandi, l-Kunsill approva unanimament l-istess *Business Plan*.

## 11 <u>Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti</u>

*11.1 Vetrina ta' ħanut imkissra*

Is-Sur J. Abela ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward vetrina ta' ħanut fi Triq il-Kbira San Ġużepp li hija perikoluża għaliex hija mkissra. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li r-rapport f'dan ir-rigward intbagħat lill-Pulizija.

*11.2 Repainting fi Triq Milend*

Is-Sur C. Valletta informa lill-Kunsill li ġie avviċinat mill-Hamrun Spartans biex jerġgħu jinżebgħu il-parkeġġi riservati għall-uffiċjali tal-grawnd fi Triq Mile End.

*11.3 Ħsarat ma' propjeta privata*

Is-Sur C. Valletta informa lill-Kunsill li hemm *bracket* tad-dawl li qed jagħmel ħsara fuq faċċata ta' residenza privata fi triq San Gejtanu. Ġie deċiż li jerġa jsir rapport lill-Korporazzjoni Enemalta.

*11.4 Repainting ta' Parkeġġ Riservat*

Is-Sur C. Valletta ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward bżonn ta' *repainting* tal-Parkeġġ Riservat quddiem 26, Triq San Ġwann, Ħamrun.

*11.5 Żejt fi Triq Atocia*

Is-Sur C. Valletta ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar żejt li ħareġ minn vetturi fi Triq Atocia . Is-Sindku spjega li diġa sar rapport lis-Supretendent tal-Ħamrun, li minn naħa tiegħu kellem lis-sid tal-vettura kkonċernata.

*11.6 Sqaq San Pawl*

Is-Sur C. Valletta staqsa x'ser jagħmel il-Kunsill dwar il-kundizzjoni tal-wiċċ ta' Sqaq San Pawl. Is-Sindku spjega li ser jitlob stima ta' għar-*resurfacing* ta' dan l-isqaq.

*11.7 Bankina Tiżloq*

Is-Sur C. Valletta ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar bankina tiżloq bejn Triq Santa Marija u Triq il-Kbira San Ġużepp.

Fid-9.05pm is-Sur J. Abela ġie skużat mil-laqgħa.

*11.8 Ħadida fi Triq Fra Diegu*

Is-Sur C. Valletta ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar talba li rċieva għall-ħadida fi Triq Fra Diegu. Minħabba li l-ADT għada m'hix tilqa talbiet tal-Kunsill, ġie deċiż li l-persuna kkonċernata għandha titlob direttament lill-ADT biex issir ħadida.

*11.9 Stop Sign fi Triq Dun Nerik Cordina Perez*

Is-Sur C. Valletta talab sabiex tinzebagħ *Stop Sign* fi Triq Dun Nerik Cordina Perez kantuniera ma' Triq il-Kbira San Ġużepp. Ġie deċiż li l-kuntrattur tal-Kunsill jintalab jiżbogħ is-sinjal ta' *STOP*.

*11.10 Bankina imkissra*

Is-Sur A. Ellul ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar bankina mkissra li hemm fi Triq Fra Gaetano Pace Forno fil-viċinanza tal-iskola *Immaculate Conception*. Ġie deċiż li ssir stima għax-xogħlijiet ta' tiswija.

*11.11 Permess għal Bejjiegħa tal-Ħaxix*

Is-Sinjura C. Borg staqsiet jekk il-Kunsill jistax joħroġ xi permess lill-Bejjiegħa tal-ħaxix li jkun hemm fi Triq Anton Buttiġieġ u Triq T. Caruana Demajo. Ġie nnotat li permess għall-parkeġġ lill-bejjiegħa tal-ħaxix ma jistax jingħata.

*11.12 Problema tad-dranaġġ fi Sqaq il-Għajn*

Is-Sur M. Caruana spjega li teżisti problema ta' rwejjaħ ta' dranaġġ fi Sqaq il-Għajn. Ġie deċiż li jintbgħat rapport ieħor lis-Sanita` f'dan ir-rigward.

## 12 Schedule of payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sa' l-24 ta' Ġunju 2009 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas ta' l-istess kontijiet.

## 13 Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fid-9.15pm. Ġie deċiż li laqgħa oħra tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2009 fil-5.30pm.

______________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
DATA